# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 179

KAZ NRU 233

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Mrs Anna Agius

u

Messrs Bluebell (M) Ltd

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 13 ta' Settembru, 1984

CHAIRMAN: MR A H CAMILIERI A.C.M.A., C.P.A.A.

1. Introduzzjoni

1.1 Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fiz-19 ta' Jannar, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX tal-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

1.2 It-Tribunal Industrijali zamm tlett (3) seduti qabel ma wasal biex jghati dan l-Award.

1.3 Is-Sinjura Anna Agius ipprezentat il-kaz taghha hija stess skond l-Artikolu 31(2) para. 3 ta' l-Att XXX tal-1976, fil-waqt li l-kumpanija Bluebell (M) Ltd kienet ippresentata mis-Sur Alfred Fabri, Personnel Manager u s-Sur Joe Libreri, Division Engineer.

2. Statements of Case

2.1 Mrs Anna Agius issottomettiet illi:
"F'Settembru tal-1981 sejjahli l-foreman tieghi is-Sur E Bennett u talabni nghidlu meta fi hsiebni nitlaq mix-xoghol. Jiena nhsadt ghax is-soltu ahna nitolbu biex inhallu x-xoghol. Ma stajtx naghti data u wara ftit ghidtlu li fi hsiebni nitlaq bejn Awissu u Dicembru tas-sena ddiehla (1982), jekk ma jinqala xejn.

.../2

Is-Sur Bennett ma kienx kuntent b'daqshekk u gaghlni niffirma formola li jiena fil-fixkla u l-eccittament langas qrajt x'kienet tghid. Ma kontx naf li dik kienet in-'notice form'. Imbaghad jiena ghidtlu biex jaghtini cans sa l-ghada fil-ghodu sabiex nghid ir-ragel. Is-Sur Bennett ma taghnix zmien ghal dan.

Gietni f'rasi biex incempel ir-ragel, izda is-Sur Bennett ma halliniex.

Wara dan ergajt lura fuq xogholi mbikkma. Jiena u sejra resqu fuqi zewg supervisors u staqsewni x'kien grali. Meta ghidtilhom li ffirmajt, qaluli biex nerga lura u nhassar kollox, izda jiena tant kont konvinta li dak li ffirmajt ma kienet xejn hlief dokument biex il-Management ikunu jafu fejn qeghdin dwar l-istaff li ma mortx lura biex inhassar dak li ffirmajt.

Ghaddiet kwazi sena u gimgha qabel ix-shut-down, ezattament f'Awissu 1982, gie fuqi l-foreman Mr Bennett u qalli li wara li jispicca x-shut down, nispicca nahdem dak ix-xaghar u nispicca propju fl-ahhar ta' Awissu, 1982.

Jiena tbikkimt u ghamilt appuntament mal-General Manager is-Sur Borg ghax hassejt li din it-tkeccija kienet ingusta.

Ghal l-ewwel, il-General Manager hares bl-ikrah lejn is-Sur Bennett ghax ra li kien ghamel hazin, biss wara qalli li fuq kollox hadd ma ghamilli rivolver ma rasi biex niffirma u tellaqni l-barra.

Ippruvajt niltaqa mal-foreman tieghi u mal-General Manager biex nerga nkellimhom imma t-tnejn ma tawnix cans li nerga narahom."

B'hekk Anna Agius ikkonkludiet li t-tnejn kellhom il-faham miblul u hasset li t-tkeccija taghha kienet ngusta.

Mrs Anna Agius talbet kumpens ta' sena paga jew LM3755.

2.2. Is-Sur Alfred Fabri, Personnel Manager mal-Kumpanija Bluebell (M) Ltd issottometta illi:-

Dan it-Tribunal mhux kompetenti skond il-ligi li jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz u dan ghaliex il-Kumpanija qatt ma itterminat l-impieg ta' Anna Agius izda kienet l-istess Agius li rrezinjat l-impieg taghha minn mal-Kumpanija.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor dan li gej:

Is-Sinjura Anna Agius dahlet mal-Kumpanija Blue Bell (M) Ltd fil-31 ta' Mejju, 1972 bhala 'Sewing Operator'. Giet promossa ghall-kariga ta' Quality Control Supervisor fl-27 ta' Ottubru, 1976 u f'din il-kariga kienet tirraporta lis-Sur Edwin Bennett, il-Quality Control Manager.

Is-Sinjura Agius kienet ilha li esprimiet l-intenzjoni li titlaq mill-impieg u fis-sajf tal-1980 kienet gharfet lis-Sur Bennett li kienet bi hsieba titlaq ghall-habta tal-Milied ta' dik is-sena. Ghadda l-Milied tal-1980 u informat lis-Sur Bennett li kienet sejra titlaq wara l-Ghid. Gie l-Ghid 1981 u qalet li kienet sejra toqghod ftit iehor.

Fil-frattemp il-Kumpanija kienet bdiet ezercizzju ta' ri-organizazzjoni u ghal skopijiet ta' "budgeting" kien mehtieg li l-Kumpanija tkun taf min, mid-dipartimenti differenti, kien sejjer ikun 'budgeted'. Is-sena finanzjarja tal-Kumpanija tibda fl-l ta' Ottubru u ghalhekk f'Settembru tal-1981 il-Quality Control Manager, is-Sur Edwin Bennett talabha biex ittieh 'commitment' tal-intenzjoni taghha minhabba li kienet bidlet hsibha kemm il-darba.

Is-Sinjura Agius qablet li titlaq fl-ahhar t'Awissu, 1982 jigifieri wara li tiehu ix-'shutdown' ta' hmistax il-gurnata tas-Sajf. Din iffirmatha fit-'Termination Notice' (Exhibit 1).

Fl-ahhar xhur qabel ma kellha titlaq is-Sinjura Agius ma baqghetx taghmel xoghol ta' Quality Control Supervisor imma tqabbdet taghmel xoghol ta' grad aktar baxx, bhal 'grading irregulars' u 'end item auditing', pero zammet il-paga taghha ta' Supervisor.

Xi xahar qabel ma kellha titlaq is-Sinjura Agius talbet ghal estensjoni ta' xaharejn u din ma inghatatilhiex. Spiccat mix-xoghol fil-31 t'Awisu, 1982 u r-raguni li tnizlet fil-'Work Book Termination Form' kienet "...... leaves of her own accord" (Exhibit 2) u l-istess fic-certifikat tal-Impieg (Exhibit 3).

Illi ghalhekk huwa fatt li din ma kienitx terminazzjoni tal-impieg imma 'resignation' da parti mill-impjegata.

3. Xhieda

3.1 Prodotti mill-appellant - Mrs Anna Agius

a Mrs Maria Angela Formosa - nurse mal-Bluebell

b Mrs Joyce Schembri - Supervisor mal-Bluebell

3.2 Prodotti mill-Kumpanija Blu bell

c Is-Sur Edwin Bennett - Quality Control Manager

d Is-Sur George Borg - General Manager - Bluebell

4. Sottomissjonijiet Finali

4.1 L-appellant, is-Sinjura Anna Agius qrat is-sottomissjonijiet finali hija stess. Din bdiet biex tghid li hija qatt ma marret tghid lil foreman taghha Mr Bennett li sejra titlaq imma huwa kien isaqsiha ta' spiss meta ser titlaq.

Xi tlett ijiem qabel ix-shut down is-Sur Bennett qalilha li kienet ser tispicca u hawnhekk meta talbitu ghal estenzjoni ta' xaghrejn. Dak iz-zmien ma kienitx f'posizzjoni li titlaq ghax kien ghandha kif xtrajt dar u riedet thallasha.

Bhal job taghha kien hemm tnejn ohra u dawn nehhewhom mill job taghhom u tawhom xoghol iehor; biss lilha ma tawhiex xoghol iehor.

Mhux veru li s-Sur Bennett hallieha ccempel lir-ragel taghha fuq ix-xoghol. Lanqas ma hallieha s-Sur Bennett thalli sal-ghada biex iggib risposta halli jaghtija zmien titkellimha mar-ragel.

Il-Management halliha sa l-ahhar hin - riedu risposta malajr. Ghax ma saqsewhiex ftit qabel halli kienet titkellimha mar-ragel?

Donnu l-bicca xoghol kienet mahduma apposta u hallewha ghall-ahhar gurnata halli lilha ma jaghtuhiex cans tahsibha jew titkellimha ma xi hadd iehor.

Jidher bic-car li huma riedu jispiccawlha l-impieg taghha u mhux kif qalu li hi talbet li tispicca minn jeddha.

Haga ohra li skantatha hi li hija ffirmat in-Notice f' Settembru, 1981 u l-effective date kienet f'Lulju 1982 u spiccat f'Awissu, 1982. S-Sur Bennett stess ammetta ghaliex gaghalha tiffirmaha f'Settembru 1981 u l-effective date giet f'Lulju 1982.

La s-Sur Bennett u l-anqas is-Sur Borg, il-General Manager ma riedu jarawha qabel ma spiccat.

Kemm Mrs Formosa u kemm Mrs Schembri rawha nkwietata meta harget minn ghand is-Sur Bennett wara li ffirmat in-Notice. Dan juri bic-car illi [li kienet mkeccija ghax] min jaghti n-notice minn jheddu ma johrogx inkwietat.

Barra minn hekk, min jaghti n-notice ma jaghtihiex 10 xhur qabel. Irid ikun mignun.

4.2 Is-Sur Alfred Fabri, Personnel Manager mal-Kumpanija Bluebell (M) Ltd issottometta illi:

B'referenza ghal dak li qalet is-Sinjura Agius fl-'istatement of case' u milli rrizulta mix-xhieda quddiem dan it-Tribunal, il-Kumpanija thoss li ghandhom jigu klarifikati xi punti fosthom li gejjin:

Deher bic-car li qabel Settembru tal-1981, is-Sinjura Agius kienet ghal tal-anqas darbtejn gharrfet lis-superjur taghha s-Sur Edwin Bennett bl-intenzjoni taghha li titlaq l-impieg taghha mal-Kumpanija. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni ghala s-Sinjura Agius kellha tkun 'sorpriza' meta s-Sur Bennett staqsiha ghal decizjoni definitiva. Is-Sinjura Agius sqarret li ma qratx

il-formula li wrieha s-Sur Bennett u fi kliemha stess "...... lanqas biss qalli li kienet in-Notice Form." Meta wiehed iqabbel dak li qalet mat-Termination Notice form anessa mal-'istatement of case' tal-Kumpanija wiehed isibha difficli biex jifhem kif dan seta jkun. Is-Sur Bennett jichad li qalliha li dik il-formula li ffirmat 'mhi xejn', jew li ma halliehiex iccempel lir-ragel taghha ghaliex fil-fatt cemplitlu u ma qabditux. Is-Sinjura Agius temmet biex qalet li "minn hawn u minn hemm geghluni niffirma". Wiehed ma jistax jifhimha din l-istqarrija meta s-Sinjura Agius kellha l-liberta' kollha li tghid lis-Sur Bennett jekk riditx tibqa jew le fl-impieg tal-Kumpanija.

Ta' min wiehed josserva li organizazzjonijiet ta' certu daqs bil-fors irid ikollhom mezzi formali ta' pjanar u kontroll. Dak li forsi jista' jghodd bil-fomm ghal ditta zghira ma jghoddx ghal ditta kbira. Kumpanija ta' certu daqs bil-fors irid ikollha sistemi formali ta' 'budgeting' li jridu jigu preparati minn zmien qabel minhabba l-'approvals' li jinhtiegu, partikolarment f'ditta internazzjonali. Ezempju zghir mis-sistema totali tal-'budgeting' huwa l-preparazzjoni tal-'budgeted number of employees' ghas-sena li jkun imiss.

Li hareg mix-xhieda tas-Sur Bennett kien li xi xahar qabel ma kellha ittemm l-impieg taghha mal-Kumpanija, is-Sinjura Agius talbet lis-Sur Bennett ghal estenzjoni ta' xaghrejn. Wara konsultazzjoni mas-Sur Borg, il-General Manager, is-Sur Bennett informha li t-talba taghha ma gietx milqughha. Dan rega gie konfermat f'laqgha li s-Sinjura Agius kellha mas-Sur Borg u s-Sur Bennett.

Fl-'istatement of case' is-Sinjura Agius tat verzjoni differenti ta' din l-ahhar laqgha taghha mas-Sur Borg u s-Sur Bennett. Kif ukoll, fi kliemha stess, is-Sur Bennett 'beza' u s-Sur Borg 'telaq' meta riedet tarahom fl-ahhar gurnata qabel ma spiccat mix-xoghol. Dawn ir-rimarki u ohrajn, bhal 'faham miblul' ma juru xejn hlief immaginazzjoni fertili hafna u nuqqas ta' rispett lejn dan it-Tribunal.

Illi fil-qosor huwa fatt ineggabli li s-Sinjura Agius irrenzinjat. Wara, rega bdilha u ddispjaciha. Talbet lill-Kumpanija biex tbiddel id-decizjoni taghha u l-Kumpanija ma laqghetx din it-talba. Regghet talbet ghal estensjoni ta' xahrejn u minhabba li ma kienetx 'budgeted' ma setghetx ikollha din l-estensjoni. Dan kollu juri bio-car li s-Sinjura Agius qatt ma tkecciet izda spiccat mill-impieg bhala rizultat tar-rizenja taghha stess.

5. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

5.1 It-Tribunal semgha u studja bir-reqqa kollha l-istatements of case, dak kollu li qalu x-xhieda bil-gurament u l-final submissions.

It-Tribunal ha ukoll konsiderazzjoni ghall-fatt li l-Blue Bell (M) Ltd hija fabbrika kbira ghal Malta u timpiega mijiet ta' haddiema u li ghal ahhar ftit snin kellha tnaqqas xi haddiema minhabba r-riccessjoni dinjija.

Ghalhekk it-Tribunal jifhem li fejn tista' l-kumpanija kien fil-bzonn li tehles minn xi haddiema.

B'dana kollu, t-Tribunal ihoss li l-metodu li nuza biex tkecci lil Anna Agius ma kienx kollu korrett u deher li kien hemm certu pressjoni biex is-Sinjura Agius tiffirma t-Termination Notice.

6. Award

It-Tribunal Industrijali, wara li ha konjezzjoni tal-fatti kif gew ippresentati miz-zewg partijiet, kemm fl-istatements of case u kemm fil-final submissions, kif ukoll wara li fela x-xhieda fl-ezami u l-kontro ezami u l-kontenut tal-dokumenti ppresentati jhoss li t-terminazzjoni ta' Mrs Anna Agius minn mal-Kumpanija Bluebell (M) Ltd ma saretx b'mod gust izda taht pressjoni u jsib favur l-appellant.

It-Tribunal jordna lill-Kumpanija Blue Bell (M) Limited thallas is-somma ta' hames mitt lira (LM500) lis-Sinjura Anna Agius fi zmien xaghar.

B'din id-Decizjoni, it-Tribunal Industrijali jtemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A. H. CAMILLERI
Chairman

Edw. F. Abela
A/Segretarju

Data: 13 ta' Settembru, 1984

ja